

Brussell, 17 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14302/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0370 (NLE)

AELE 112
EEE 94
N 142
ISL 87
FL 89
MI 883
ECO 132

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda għall-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda
għall-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni)
tal-Ftehim ŻEE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) u l-Artikoli 62 u 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE stabbilit mill-Ftehim ŻEE ("il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE") jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE, li fih dispożizzjonijiet dwar ir-regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni.
- (3) Id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Id-Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/109/UE³ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

¹ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

² Id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1).

³ Id-Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/109/UE tal-10 ta' Ottubru 2014 li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi tistabbilixxi librerija ta' twissijiet bl-istampi li għandhom jintużaw fuq prodotti tat-tabakk (ĠU L 360, 17.12.2014, p. 22).

- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda għall-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
